**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR L-ERBGHA 16 TA' JANNAR, 2002**

**Numru: 3**

**Avviz Nru: 1537/01 AE**

**Lawrence Farrugia**

**vs**

**Brian Vella**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' sitt mija u disghajn lira Maltija (Lm690) rapprezentanti bilanc ta' prezz ghall-bejgh ta' merca bl-ingrossa, mibjugha u konsenjata lill-konvenut li jiggestixxi l-klabb tal-waterpolo gewwa Wied il-Ghajn.

Ra li l-konvenut, ghalkemm notifikat, ma kkontestax il-kawza u lanqas ma dehret fis-seduti tal-11 ta' Jannar 2002 u tal-lum.

Semgha lill-attur jikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba u li sal-lum l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba ta' l-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' sitt mija u disghajn lira Maltija (Lm690), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma kollha ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**